Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 41/2013/1

**Emanuel Piscopo**
**(appellat)**

**Vs**

**Malta Resources Authority**
**(appellanti)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz tal-Avviż Legali 255 ta' l-2008 daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art li ddisponew li kull sors ta' l-ilma ta' taħt l-art li ma kienx ġie reġistrat skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art, kellu jiġi notifikat lill-Awtorità minn kull utent ta' dak is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art, sas-6 ta' Novembru 2008.[1]

2. Permezz tal-Avviż Legali 274 tal-2008, il-kliem "*sas-6 ta' Novembru*" ġie sostitwit bil-kliem "*sa l-20 ta' Novembru, 2008*".

3. Permezz tal-Avviż Legali 204 tal-2009, minnufih wara l-kliem "*sa l-20 ta' Novembru, 2008*", żdiedu s-segwenti *provisos*:

> *"Iżda l-Awtorità għandha, mill-15 ta' Lulju, 2009 sa dik id-data li tiġi stabbilita mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta, taċċetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008,* ***meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b' raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa****:*
>
> *Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità:*

[1] Regolament 3.

*Iżda aktar flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art għandu wkoll jippreżenta affidavit li jiġi maħluf u konfermat taħt ġurament quddiem kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament, fejn jiġu speċifikat fl-affidavit ir-raġunijiet u ċ-ċirkustanzi speċjali xierqa li jkunu jiġġustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi ppruvat il-kontenut ta' l-affidavit.".*

4. Fid-9 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrent ippreżenta applikazzjoni[2] għan-notifika ta' sors tal-ilma ta' taħt l-art (spiera/*borehole*) fir-residenza tiegħu. Flimkien mal-applikazzjoni ehmeż ukoll l-affidavit tiegħu fejn fisser għalfejn il-*borehole* in kwistjoni ma kinitx ġiet reġistrata sat-terminu tal-20 ta' Novembru 2008 fejn xehed is-segwenti:

*'Mad-dar tar-residenza tiegħi li tinsab ġewwa Ħaż-Żebbuġ, fil-Wied ta' San Martin, bl-isema 'Xaravin' hemm borehole, liema borehole kont mingħalija li rreġistrajtha fis-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992). Dan l-aħħar peró meta mort biex napplika għal water meter b'xejn għall-imsemmija borehole skond skemi li hemm bħalissa ġejt avżat mid-dipartiment relattiv illi l-borehole mhix reġistrata u l-formoli li kont imlejt fis-sena 1992, meta kont mingħalija li rreġistrajt l-imsemmija borehole probbabilment kienu biss taċ-ċensiment, u għalhekk bi żball l-imsemmija borehole għadha mhix reġistrata.'*

5. Permezz ta' deċiżjoni datata 28 ta' Settembru 2011,[3] l-Awtorità intimata għarrfet lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx aċċettata, u dan wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali qies li ma kinux jeżistu ċirkostanzi speċjali li huma ġustifkati u xierqa sabiex tiġi aċċettata l-applikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant l-istess rikorrent intalab sabiex jaghlaq l-istess *borehole* fi żmien tletin (30) ġurnata.

6. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat b'din id-deċizjoni u appella minnha quddiem il-Bord tal-Appelli għar-Riżorsi[4] liema appell ġie eventwalment assenjat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Huwa ippremetta s-segwenti:

*'Il-borehole tħaffret fl-1987.*

*Jiena kont applikajt għan-notifika ta' sors tal-ilma fl-10 ta' Diċembru 2010 skont il-proċedura li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern dik is-sena.*

*Permezz ta' din l-ittra, nixtieq nitlob umilment li din id-deċiżjoni terġa' tiġi kkunsidrata. Din l-art agrikola hija diġa' rreġistrata mal-Paying Agency mis-sena 2006 u jiena qed nircievi fondi mill-Unjoni Ewropea.*

---

[2] Fol. 2 – 7/19 – 26.
[3] Fol. 12.
[4] Fol. 29.

*Barra minn hekk, dan is-sors tal-ilma jintuża biex jissaqqew mitejn u erba' sigriet taċ-ċitru minn fejn ġew maqtugħa 4,900 kilo larinġ bejn Ottubru 2010 u April 2011. Jekk dan is-sors tal-ilma jingħalaq, dawn is-siġar zgur ma jkunux daqshekk produttivi u nibża li ħafna minnhom imutu. Għamilt minn kollox biex niġbor u nuża l-ilma tax-xita bil-galbu, għandi ġiebja kbira fejn niġbor u naħżen l-ilma tax-xita u s-siġar kollha jissaqqew bid-drip-irrigation. Madanakollu, f'dawn laħħar snin l-inżul ta' xita nbidel drammatikament, tant li l-ilma tal-wied ta' ħdejna (Wied San Martin) ma għaddiex f'diversi snin minn dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Minħabba f'hekk, nista' niġbor biss ammonti limitati ta' ilma. Il-borehole tintuża biss biex jiġi miżjud l-ilma bl-ammonti neċessarji skond in-nuqqas ta' xita.*

*Għal raġunijiet hawn fuq imsemmija nitlob illi l-Bord ta' l-Appell jerġa' jikkunsidra l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija u li d-deċiżjoni tal-Awtorità tiġi mibdula."*

7. In sinteżi, l-Awtorità wieġbet illi skont l-Avviż Legali 255 tal-2008, l-Awtorità għandha taċċetta dawk l-applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma taħt l-art li ma kinux ġew preżentati sal-20 ta' Novembru 2008, meta tali notifika tardiva tkun ġustifikata b'raġunijiet u ċirkostanzi speċjali li jkunu xierqa iżda l-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-applikant odjern ma kienux meqjusa tali. Inoltre, l-allegazzjoni li l-applikant huwa reġistrat mal-Paying Agency tal-Ministeru tar-Riżorsi, minkejja li dan mhuwiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-appell, qatt ma ġie msemmi u ppruvat lill-Awtorità. Lanqas ma ġie ppruvat li l-applikant irregolarizza ruħu fl-1992. Inoltre, il-Bord m'għandux jikkunsidra fatti estranji minn dawk imsemmija fl-applikazzjoni u l-affidavit li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni tal-Awtorità. F' kull każ, il-ġustifikazzjoni mogħtija mill-applikant m' hijiex kredibbli.[5]

8. Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Novembru 2015,[6] it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ddeċieda billi laqa' l-appell tar-rikorrenti u ċaħad ir-risposta tal-Awtorità intimata. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lit-Tribunal għal din id-deċiżjoni kienu s-segwenti:

*'Illi dan it-Tribunal, wara li qara l-affidavit tar-rikorrent u ra d-dokumenti esebiti minnu, u senjatament dawk minn fol.79 sa fol.89, jirrizultalu illi fl-2005 ir-rikorrent kien applika ghall-Ghajnuna ghall-Art li Tinhadem mal-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn fost affarijiet ohra iddikjara li fl-art in kwistjoni kellu mija u tmenin (180) sigra tal-frott imhalltin u mitejn u ghaxra (210) sigar tac-citru. Fl-istess applikazzjoni r-rikorrent iddikjara li s-sors tal-ilma ghall-istess art **gej minn spiera jew borehole jew nixxija/ghajn li jipprovdu ilma s-sena kollha. Di piu` mehmuz mal-istess applikazzjoni hemm dokument iffirmat mir-rikorrent fejn gi dikjarat li l-imsemmija borehole hija wahda registrata**.*

---

[5] Fol. 43.
[6] Fol. 102 – 108.

*Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-gustifikazzjoni mressqa mir-rikorrent ghala kien tardiv fin-notifikazzjoni tieghu mal-Awtorita` intimata hija wahda genwina. Dak li l-Avviz Legali 204 tal-2009 ried jevita li jsir huwa l-abbuz u cioe` li wiehed ihaffer borehole u jghid li ilha hemm minn zmien ferm qabel biex ikun jista' jibbenefika mill-iskema tal-metering tal-ilma mtella' minn sorsi ta' taht l-art. Illi, pero`, fil-kaz odjern jirrizulta ampjament car illi din il-borehole kienet ezistenti mill-inqas sa mis-sena 2005 meta r-rikorrent ghamel l-applikazzjoni mal-Ministru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent msemmija aktar 'il fuq. Illi dan it-Tribunal ghalhekk huwa tal-opinjoni illi l-gustifikazzjoni li ta, u cioe` li kien taht l-impressjoni li kien irregistra l-istess borehole, xi snin qabel hija wahda xierqa li tintitolah sabiex in-notifikazzjoni tieghu titqies bhala wahda valida.*

*Illi t-Tribunal madankollu josserva illi l-Awtorita` intimata ma kinitx fil-posizzjoni li huwa llum it-Tribunal meta waslet ghad-decizjoni taghha u dana ghaliex hi ma kellhiex quddiemha id-dokumenti sottomessi mir-rikorrenti fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant dan il-fatt se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.'*

9. Illi minn din is-sentenza appellat l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. L-aggravji tagħha huma:

   (i) l-appellanti ma kellhiex quddiemha d-dokumenti li pprezenta l-appellat quddiem it-Tribunal u ma setgħat qatt tasal għall-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal;

   (ii) lanqas ma ġie bl-ebda mod ippruvat mill-appellant dak li allega li kien b'xi mod irregolarizza ruħu fis-sena 1992, meta difatti l-uniċi drabi fejn seta' għamel dan ħlief taħt il-proċedura ta' notifika tardiva odjerna, kien fis-sena 1997 u fis-sena 2008 u li l-ewwel Qorti ma qisitx l-aggravji tal-Awtorità appellata fid-dawl tal-informazzjoni li tat; u huwa għalhekk li l-ewwel Qorti, fl-umli fehma tal-appellanti ma kellhiex tilqa' l-appell tal-appellat;

10. Illi permezz ta' risposta datata 13 ta' Ġunju 2016 l-appellat wieġeb illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjoni</u>:**

11. Il-każ jikkonċerna borehole li tħaffret fil-fond 'Sharavin', Il-Wied ta' San Martin, Ħaż-Żebbuġ.

12. Illi ż-żewġ aggravji tal-Awtorità appellanti jduru mal-istess fatt, u ċioé, illi t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dokumenti li ma kinux għad-disposizzjoni tal-Awtorita' meta rrifjutat l-applikazzjoni, u għalhekk ma kellux

jieħu konjizzjoni tagħhom. Tgħid ukoll li dawn id-dokumenti ma kinux rilevanti, li l-fatti allegati mill-appellat ma ġewx pruvati u li l-verżjoni tal-appellat ma kinitx kredibbli.

13. Fl-affidavit anness mal-applikazzjoni tal-appellat, spjega li ma kienx irreġistra l-*borehole* sal-20 ta' Novembru 2008 għaliex kien mingħalih li kien irreġistraha qabel u kien biss wara li skada ż-żmien li sar jaf li fil-fatt ma kienx irreġistraha.

14. Id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità tat-28 ta' Settembru 2011 testwalment tgħid is-segwenti:

> *'L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi rċeviet l-applikazzjoni tiegħek fid-9 ta' Diċembru 2010 għan-notifika ta' sors tal-ilma ta' taħt l-art.*
>
> *Nixtieq ngħarrfek li l-Awtorità kkunsidrat u ma aċċettatx l-applikazzjoni tiegħek.*
>
> *Dan sar wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali skont l-Artiklu 25 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi* ***qies li ċirkostanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa ma jeżistux bħal fil-każ tal-applikazzjoni tiegħek****.*[7]
>
> *Għaldaqstant is-sors imsemmi hawn fuq sejjer jiġi kkunsidrat bħala mhux notifikat mill-Awtorità. Ngħarrfek ukoll permezz ta' din l-ittra li l-Awtorità qiegħda tordnalek sabiex jingħalaq is-sors tal-ilma ta' taħt l-art fuq imsemmi skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi annessi ma din l-ittra. Dan għandu jsir fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data tal-irċevuta ta' din l-ittra u għandek ukoll tipprovdi l-provi ta' dan lill-Awtorità minnufih, skont kif imsemmi fl-istess speċifikazzjonijiet tekniċi.*
>
> *Din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata skond kif provdut taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.*[8]

15. Fil-minuti tal-Kumitat Konsultattiv, dwar il-każ tal-appellat a fol. 17 ingħad: '***Reason given for late registration***' – *'Believed borehole registered in 1992;* '**Decision on Application/ Comments**' **–** '*Justification not accepted'.* Fir-rapport li ħejja l-Kumitat jingħad biss li, *"None could be accepted because the justifications given are not acceptable to the Committee".* Pero' ma ngħatat l-ebda raġuni għalfejn ir-raġuni li ta l-appellat ma kinitx aċċettabbli lill-Kumitat. Dan żgur li mhuwiex il-mod korrett ta' kif il-Kumitat jiddetermina ċ-ċirkostanzi speċjali.

---

[7] Enfasi tal-Qorti.
[8] Fol. 31.

16. **Miriam Micallef Sultana**, xhud tal-Awtorità, mistoqsija x' kienet il-bażi tal-parir mogħti mill-Kumitat wieġbet li, '*huma kienu qed jaraw jekk dak li ngħad fl-affidavit jekk hux ġustifikat.*' '*Fis-sens ta' jekk dan il-persuna hux vera kellu skuża ħa ngħid hekk biex f'dak il-perjodu, meta kien hemm reġistration miftuha, għal xi raġuni jew oħra ma setax, każ ta' mard ġeneralment għalhekk kienet qed tiġi aċċettata jew il-persuna tkun barra minn Malta għal tul ta' żmien.*'[9]

17. Dan jikkonferma li l-applikazzjoni ma ġiex miċħuda għaliex l-appellat ma ġabx prova ta' dak minnu allegat, jew għaliex l-affidavit ma tqiesx li hu kredibbli. Jidher għalhekk li **r-raġuni għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tal-applikant kienet <u>unikament</u> li r-raġuni mogħija mill-appellat għalfejn ma rreġistrax il-*borehole* sal-20 ta' Novembru 2008, ma tqisitx bħala ċirkostanza speċjali li tkun ġustifikata.**

18. Dwar l-interpretazzjoni li għandha tinghata lill-Avviż Legali 204 tal-2009, it-Tribunal iddeċieda illi:

> *'Dak li l-Avviz Legali 204 tal-2009 ried jevita li jsir huwa l-abbuz u cioe` li wiehed ihaffer borehole u jghid li ilha hemm minn zmien ferm qabel biex ikun jista' jibbenefika mill-iskema tal-metering tal-ilma mtella' minn sorsi ta' taht l-art.'*

19. Fl-appell tal-Awtorità, minkejja li din is-silta ġiet kwotata fil-kuntest tal-aggravji l-oħra, ma ressqet l-ebda aggravju speċifiku minn din l-interpretazzjoni iżda bbażat l-aggravji fuq il-mertu tal-ġustifikazzjoni innifisha u d-dokumenti eżebiti mill-appellat quddiem it-Tribunal. Fi kliem ieħor, l-Awtorità ma lmentatx mill-posizzjoni li ħa t-Tribunal li '*żball ġenwin*' jista' jitqies ċirkostanza speċjali xierqa li tiġġustifika reġistrazzjoni tardiva.

20. F' kull każ u għal kull buon fini, fir-rigward tal-ewwel aggravju, jirriżulta li l-unika prova li silet it-Tribunal mill-imsemmija dokumenti li jinsabu a fol. 79 sa 89 tal-proċess u kollettivament immarkati '**Dok EP1**' kienet il-ġenwinità tal-ġustifikazzjoni mressqa mill-appellat fl-applikazzjoni oriġinali lill-Awtorità, ċioé, li dan kien każ ta' żball ġenwin. Ma saret l-ebda inferenza oħra.

21. L-imsemmi dokumenti jikkonsistu f'applikazzjoni għal sussidji mill-Unjoni Ewropea fuq l-art in kwistjoni mal-istess Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent datata 01.02.2005. A fol. 86 ingħad:

---

[9] Fol. 70.

*'B'referenza għal miżura Ad Hoc, għall-bdiewa full-time, niddikjara li jien reġistrat mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) bħala full time farmer. Għal dawk l-għelieqi kollha ddikjarati bħala saqwi, nikkonferma li hemm sors ta' ilma s-sena kollha li ġej minn:*

- *spiera jew borehole (b' indikazzjoni jekk reġistrata u liċenzjata, reġistrata biss jew la reġistrata u lanqas liċenzjata) jew nixxija/għajn li jipprovdu ilma s-sena kollha*
- *jew ġiebjun li jesa mill-anqas 200,000 gallun jew 1189.2 yardi cubi jew 909,200 litri jew 909.2 metri kubi għal kull tomna ta' art dikjarata b' pipeline fiss/permanenti minn wieħed minn dawn is-sorsi.'*

22. A fol. 89 imbgħad hemm lista ta' *parcel* numbers u s-sors tal-irrigazzjoni tagħhom. Għall-art mertu tal-każ odjern hemm imniżżel '*Borehole R'.*

23. Minn dan it-Tribunal iddeduċa li:

*'fl-2005 ir-rikorrent kien applika ghall-Ghajnuna ghall-Art li Tinhadem mal-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn fost affarijiet ohra iddikjara li fl-art in kwistjoni kellu mija u tmenin (180) sigra tal-frott imhalltin u mitejn u ghaxra (210) sigar tac-citru. Fl-istess applikazzjoni r-rikorrent iddikjara li s-sors tal-ilma ghall-istess art gej minn spiera jew borehole jew nixxija/ghajn li jipprovdu ilma s-sena kollha. Di piu`mehmuz mal-istess applikazzjoni hemm dokument iffirmat mir-rikorrent fejn gi dikjarat li l-imsemmija borehole hija wahda registrata.'*

24. Dwar dan, l-ilment tal-Awtorità appellanti huwa limitat għall-fatt li: (i) t-Tribunal ma setgħax jieħu konjizzjoni tal-imsemmi '**Dok EP1'** ladarba ma kienx sottomess lill-Awtorità; (ii) '**Dok EP1'** ma kienx se jbiddel l-eżitu tad-deċiżjoni tal-Awtorità peress li: iċ-ċensiment li kien sar fl-1992 ma kellu xejn x' jaqsam ma' sors ta' ilma taħt l-art u r-reġistrazzjoni tagħhom; il-*borehole* kienet tħaffret fis-sena 1987 u għalhekk kellha tiġi reġistrata fis-sena 1997, u '**Dok EP1'** mhuwiex rilevanti in kwantu reġistrazzjoni ta' sors ta' ilma taħt l-art.

25. Ibda biex, minn qari tal-Kap. 490 ma jidhirx li hemm limitazzjoni dwar il-provi li jistgħu jitressqu quddiem it-Tribunal[10] Għalhekk, sakemm '**Dok EP1'** tressaq bħala prova li dan kien verament każ ta' żball ġenwin, ma kien hemm xejn ħażin li titressaq tali prova.

26. L-Awtorità appellanti tgħid ukoll li '**Dok EP1'** ma kienx se jbiddel l-eżitu tad-deċiżjoni tal-Awtorità minħabba ċ-ċirkostanzi 'l fuq elenkati. Din hija konsiderazzjoni ipotetika u mhux kritika tad-deċiżjoni appellata.

---

[10] Artikolu 3.

27. Permezz tat-tieni aggravju mbagħad l-Awtorita' tilmenta illi ma ġie bl-ebda mod ippruvat mill-appellant dak li allega li kien b'xi mod irregolarizza ruħu fis-sena 1992, meta difatti l-uniċi drabi fejn seta' jagħmel dan ħlief taħt il-proċedura ta' notifika tardiva odjerna, kien fis-sena 1997 u fis-sena 2008.

28. L-Awtorità tikkontendi wkoll li l-ġustifikazzjoni mogħtija mill-appellat mhijiex kredibbli għaliex huwa kien konxju tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-*boreholes* fl-1997 meta huwa stess irreġistra *boreholes* oħra f'ismu hekk kif jirriżulta minn '**Dok C'** u '**Dok D**' eżebiti minnha stess u seta' għalhekk faċilment irreġistra din il-*borehole* flimkien ma l-oħrajn ladarba kienet ilha mħaffra mill-1987.

29. Din il-Qorti ma ssegwix l-istess loġika u anzi għandha l-fehma li ladarba l-Awtorità appellanti fl-ebda waqt ma tikkontesta li l-*borehole* in kwistjoni effettivament tħaffret fl-1987, '**Dok C'** u '**Dok D**' eżebiti mill-Awtorità appellanti huma prova tal-fatt li l-iżball tal-appellat kien wieħed ġenwin in kwantu ma tara l-ebda raġuni valida oħra għalfejn ġew reġistrati *boreholes* oħra appartenenti lill-appellat filwaqt li tħalliet barra dik in kwistjoni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.